

**DEĊIŻJONI (UE) 2018/667 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tad-19 ta' April 2018****fuq l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018 (BĊE/2018/12)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropea tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jinġabru skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) għandhom ikopru, imma mhux jaqbżu, in-nefqa magħmula mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward tal-kompiti superviżorji tiegħu fil-perijodu tariffarju rilevanti. Din in-nefqa tikkonsisti primarjament fi spejjeż relatati direttament mal-kompiti superviżorji tal-BĊE, bħal pereżempju s-superviżjoni ta' entitajiet sinifikanti, is-superviżjoni ta' entitajiet inqas sinifikanti u t-tweqqif ta' kompiti orizzontali u servizzi speċjalizzati. Tinkludi wkoll spejjeż relatati indirettament mal-kompiti superviżorji tal-BĊE, bħal pereżempju servizzi pprovduti mill-oqsma ta' appoġġ tan-negozju tal-BĊE, inklużi postijiet ta' negozju, ġestjoni tar-riżorsi umani, servizzi amministrattivi, servizzi tal-ibbaġitjar u l-kontroll, tal-kontabilità, legali, tal-komunikazzjoni u tat-traduzzjoni, awditu intern, u servizzi tal-istatistika u tat-teknoloġija tal-informazzjoni.
- (2) Sabiex jiġu kkalkulati t-tariffi superviżorji annwali pagabbli fir-rigward ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, kif ukoll entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, l-ispejjeż totali għandhom jinqas fuq il-bażi tan-nefqa allokata lill-funzjonijiet rilevanti li jwettqu s-superviżjoni diretta tal-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u ta' gruppi sinifikanti taħt superviżjoni kif ukoll is-superviżjoni indiretta ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u ta' gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni.
- (3) L-ammont totali tat-tariffa superviżorja annwali għall-2018 għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta': (a) l-ispejjeż annwali stmati ta' kompiti superviżorji għall-2018, ibbażati fuq il-baġit tal-BĊE approvat għall-2018, wara li jittieħed inkunsiderazzjoni kull żvilupp fl-ispejjeż annwali stmati li jsiru mill-BĊE li kienu magħrufa fiż-żmien meta din id-Deċiżjoni ġiet adottata; u (b) il-bilanċ pożittiv jew tal-iżbilanċ mill-2017.
- (4) Il-bilanċ pożittiv jew l-iżbilanċ għandu jiġi ddeterminat billi jitnaqqsu l-ispejjeż annwali attwali tal-kompiti superviżorji li saru fl-2017, kif rifless fil-Kontijiet Annwali tal-BĊE għall-2017 <sup>(3)</sup>, mill-ispejjeż annwali stmati miġburin għall-2017, kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2017/760 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/11) <sup>(4)</sup>.
- (5) Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), l-ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma kinux għall-ġbir, ħlasijiet ta' imġħax irċevuti skont l-Artikolu 14 u ċerti ammonti oħrajn irċevuti jew rifiżi skont l-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, jekk hemm, għandhom jittieħdu inkunsidrazzjoni wkoll fl-ispejjeż annwali stmati tal-kompiti superviżorji għall-2018.

<sup>(1)</sup> ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(2)</sup> ĠUL 311, 31.10.2014, p. 23.

<sup>(3)</sup> Ippubblikati fis-sit elettroniku tal-BĊE li jinsab fuq [www.ecb.europa.eu](http://www.ecb.europa.eu) fi Frar 2018.

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2017/760 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' April 2017 dwar l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2017 (BĊE/2017/11) (ĠU L 113, 29.4.2017, p. 52).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) <sup>(1)</sup> u r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41).

*Artikolu 2*

**L-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018**

1. L-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018 għandu jkun ta' EUR 474 785 269, ikkalkulat kif jidher fl-Anness I.
2. Kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għandha tħallas l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali li ġejjin:
  - (a) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 428 485 342;
  - (b) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 46 299 927.

Il-mod kif huwa maqsum l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018 li għandhom jitħallsu fir-rigward ta' kull kategorija huwa muri fl-Anness II.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' April 2018.

*Il-President tal-BĊE*  
Mario DRAGHI

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

## ANNEX I

**Kalkolu tal-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018**

	(EUR)
Spejjeż annwali stmati għall-2018	502 467 814
Salarji u benefiċċji	247 584 306
Kera u manutenzjoni	53 932 669
Infiq ieħor operattiv	200 950 839
Bilanċ pożittiv/Defiċit mill-2017	– 27 930 375
Ammonti meħudin inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41)	247 830
Ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma setgħux jinġabru;	0
Ħlasijiet ta' imgħax irċevuti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq	– 7 079
Ammonti rċevuti jew rifiużi skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq	254 909
<b>TOTAL</b>	<b>474 785 269</b>

## ANNEX II

**Kif huwa maqsum l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2018**

(EUR)

	Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni	Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni	Total
Spejjeż annwali stmati għall-2018	458 594 063	43 873 751	502 467 814
Bilanċ pożittiv/Defiċit mill-2017	- 30 206 780	- 2 276 405	- 27 930 375
Ammonti meħudin inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41)	98 059	149 771	247 830
Ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma setgħux jinġabru;	0	0	0
Ħlasijiet ta' imġax irċevuti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq	- 3 859	- 3 220	- 7 079
Ammonti rċevuti jew rifiużi skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq	101 918	152 991	254 909
<b>TOTAL</b>	<b>428 485 342</b>	<b>46 299 927</b>	<b>474 785 269</b>